# FATTI TAL-ĦAJJA



EDWARD SCICLUNA / Ministru tal-Finanzi



Bħala gvern qegħdin nippreparaw bis-sħiħ għall-baġit li jmiss

Meta konna żgħar, il-ġenituri tagħna nisslu fina l-għarfien ta' x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. Għallmuna l-fatti tal-ħajja. Fil-kamp tal-ekonomija, il-fatti tal-ħajja prattikament jinġabru f'verità waħda, dik li qatt mhu se jkun hemm biżżejjed riżorsi biex jissodisfaw it-talba bla qies ta' kullħadd. Għalhekk, il-koll ikollna nagħmlu l-għażla.

Din hija l-famuża "problema ekonomika", xi ħaġa li ngħallmuha lill-istudenti tal-ekonomija fl-ewwel lezzjoni tagħhom f'dan is-suġġett. Din il-verità nesperjenzawha fil-ħajja tagħna ta' kuljum, għax kollha kemm aħna nixtiequ affarijiet sbieħ u differenti, iżda li meta ndaħħlu jdejna fil-but nirrealizzaw li ma naffordjawhomx. Lanqas il-ħin tal-ġurnata mhu bla qies!

L-istess jiġri lill-gvern meta bħal dawn iż-żminijiet inkunu qegħdin naħdmu fuq il-baġit. Aħna nitilqu dejjem mill-verità li l-gvern qatt ma jista' jlaħħaq mad-domanda, ikun xi jkun il-qasam. Jista' jkun fil-qasam tas-saħħa, fl-edukazzjoni, sigurtà soċjali, jew is-sigurtà tagħna. Dan għax nafu li d-domanda hija infinita. Wieħed jgħid, imma possibbli wieħed ma jasalx jekk jimmodera? Iva, wieħed jista' jaqbad it-triq tal-moderazzjoni.

Min-naħa l-oħra, jekk wieħed jgħolli l-aspettattiva, probabbilment, id-domanda jkollha tikber b'rata kbira. Iżda xorta waħda, ir-riżorsi, it-taxxi u l-infieq tal-gvern qatt u qatt mhuma se jlaħħqu mad-domanda.

Din il-problema ekonomika qatt ma tista' tingħeleb, iżda dan ma jfissirx li ma jsir xejn!

Peress li nafu u napprezzaw li teżisti din il-problema, xogħolna meta nsawwru l-baġit tal-gvern huwa li nallokaw l-ispiża tal-gvern b'ġudizzju, fejn nixtarru sew x'inhuma l-oqsma li jimmeritaw investiment u oħrajn li forsi għandna naħsbuha biex innaqqsu l-allokazzjoni lejhom.

Dan il-ġudizzju irid ikun wieħed raġunat u fier, sabiex ma jkolliex oqsma li jkollhom monopolju fuq l-infiq u oħrajn li kważi ma jmisshom xejn.

Allura, meta nibdew nippreparaw għall-baġit, u dwar dan m'hemmx sigriet, irridu naraw x'inhuma r-riżorsi li se jkollna s-sena d-dieħla. Issa tajjeb li ngħid li aħna ma nafux eżatt kemm se jkollna riżorsi s-sena d-dieħla, iżda nistgħu biss inbassruhom. Għalhekk, aħna nbassru dawn ir-riżorsi permezz ta' tbassir xjentifiku bbażat fuq kalkoli, mudelli tat-tbassir u proġettazzjonijiet li jinvolvu l-aspett ekonomiku, kif ukoll ħafna matematika u statistika.

Huwa mportanti ferm li nbassru kif naħsbu li se jkun l-andament ekonomiku tas-sena d-dieħla, għax minn dan jiddependi kemm se jiġġenera dħul il-gvern.

Dan ifisser, li mil-lum, aħna jkollna stima tat-tkabbir ekonomiku, kull settur tal-ekonomija kemm se jiġġenera dħul għall-gvern f'taxxi, kemm tad-dħul kif ukoll VAT u sisa, kif ukoll nieħdu in konsiderazzjoni l-għotjiet mill-Unjoni Ewropea u kemm se jkollna bżonn nissellfu bħala pajjiż.

Is-somma ta' kemm se nissellfu trid tiżdied mad-defiċit, li fortunatament qegħdin narawh kull ma jmur jiċkien.

Tajjeb li nsemmi li d-dejn huwa tieqa li l-gvern juża biex ikollu minn fejn jaħrab għax meta jkollu dahru mal-ħajt, il-gvern jissellef biex ikabbar ir-riżorsi tiegħu f'dak il-mument, bil-konsegwenza li jgħabbi l-ġenerazzjonijiet tal-futur b'aktar piż u bil-problema li jkollhom inqas riżorsi għad-dispożizzjoni tagħhom.

Aħna kkommettejna ruħna li mhux biss li dan ma nagħmluhx, iżda li kull sena nissellfu inqas sabiex id-dejn jonqos b'mod proporzjonali, u fil-fatt bħalissa l-figura tad-dejn kull ma jmur qed tonqos. Dan huwa importanti ħafna, għax aħna lit-tfal u l-ġenerazzjonijiet futuri rridu nħallulhom il-ġid u mhux id-djun.

Meta jsiru dawn l-istimi, naslu għall-punt fejn ikollna dik li bl-Ingliż insejħulha l-cap jiġifieri l-limitu ta' dak li jista' jonfoq il-gvern. Minn hemmhekk imbagħad, nibdew nallokaw in-nefqa fuq kull ministeru skont il-pjan ekonomiku tal-gvern dwar il-proġetti li jixtieq iwettaq. Dan ifisser li rridu nagħmlu l-ispazju għal proġetti ġodda u hawnhekk terġa' tqum il-problema ekonomika, għax inkunu rridu nagħżlu bejn proġetti li nixtiequ nvarawhom jew insaħħuhom, u oħrajn li forsi m'għadhomx rilevanti.

F'dinja ideali, nippumpjaw il-flus f'ideat li jiġġeneraw t-tkabbir ekonomiku u nwaqqfu l-infiq f'oqsma li m'humiex produttivi u allura ma jibqgħux rilevanti ekonomikament għall-bżonnijiet.

Hawnhekk naħseb li kull gvern, kemm dak t'issa, kif ukoll ta' qablu u ta' qabel ta' qablu, dejjem sabuha diffiċli biex jagħmlu din l-għażla għax ħadd ma jieħu gost jirfes kallijiet. Minnkejja li jagħmel ħafna sens li twaqqaf ċertu proġetti jew infiq, ħadd ma jieħu gost jara d-dħul tiegħu jitnaqqar, jew l-ispejjeż jogħlew.

Bħala gvern qegħdin nippreparaw bis-sħiħ għall-baġit li jmiss. Nhar l-Erbgħa li għadda ppubblikajna d-dokument ta' qabel il-baġit li fuqu se tkun ibbażata l-konsultazzjoni pubblika. F'dan id-dokument insibu l-indikaturi ta' kif sejra l-ekonomija u l-istat tal-finanzi tal-gvern biex abbażi tagħhom niddiskutu fejn irnexxejna u fejn nistgħu nagħmlu aħjar, bil-għan li ntejbu t-tkabbir tal-ekonomija u naraw li l-effetti ta' dan it-tkabbir jinħass f'kull settur u livell tal-ekonomija.

L-ewwel niddiskutu dan id-dokument mal-imsieħba soċjali fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, imbagħad niddiskutuh mas-soċjetà ċivili u l-pubbliku in ġenerali fil-laqgħat li se norganizzaw lejn l-aħħar ta' Awissu u l-bidu ta' Settembru.

Fiduċjużi li s-suċċess li lħaqna bil-baġits f'dawn l-aħħar tliet snin se nkomplu nwettquh u nkattruh fil-baġit li ġej għas-sena 2017 u għal li ġej.